Knejjes li fil-passat kienu jagħmlu parti mill-parroċċa Arċi-matriċi ta' Sant'Elena f'Birkirkara (7)

# Is-Santwarju tal-Madonna "tal-Minsija" f'San Ġwann



Roderick Busuttil (www.kappellimaltin.com)

F'din is-sensiela t'artikli qegħdin nagħtu ħarsa lejn knejjes u kappelli li fil-passat kienu jagħmlu parti mill-parroċċa arċi-matriċi ta' Sant'Elena f'Birkirkara. Din is-sena ser nagħtu ħarsa lejn is-Santwarju tal-Madonna tal-Minsija f'San Gwann.

Wieħed mis-Santwarji devoti li nsibu f'pajjiżna hu dak magħruf "tal-Minsija" li hu ddedikat lill-Lunzjata u San Anard. Għal ħafna snin, dan is-Santwarju kien jagħmel parti mill-parroċċa ta' Birkirkara. Dan is-Santwarju għandu oriġini trogloditiċi (knisja tal-blat). F'dan is-Santwarju nsibu trittiku antiki ħafna li miegħu hemm marbuta leġġenda li kompliet tkabbar id-devozzjoni lil dan il-maqdes.

**Oriġini**

Din il-knisja l-ewwel ma' tissemma huwa fiż-żjara ta' Monsinjur Pietro Dusina fl-1575, meta kienet għadha tagħmel mal-parroċċa matriċi ta' Birkirkara, fil-kontrada jew l-inħawi tal-Għargħar fejn illum hemm il-lokalità ta' San Ġwann. Kienet imniżżla bħala ta' San Anard (Leonardu) u nkiteb fuqha li kellha artal u bibien tal-injam. Imma la kellha rettur, introjti u affarijiet oħra meħtieġa għall-kult.



Fl-istess rapport jingħad li din il-knisja kienet inbniet daqs tliet snin qabel (1572) minn ċertu Ġwanni Micallef minn Birkirkara. Dan kellu l-obbligu li minn fuq għalqa li kienet tmiss mal-istess knisja, li kienet propjetà tal-istess Micallef, jagħmel fiha l-għasar lejlet u quddiesa nhar il-festa.

Imma fl-1617 l-Isqof Cagliaris kien sabha f'kundizzjoni ħażina






u pprofanaha. Hekk reġa' għamel l-Isqof Canavez fl-1716 meta kkonferma dak li kien għamel qablu l-Isqof Cagliares.

Hawnhekk jidher li din il-knisja waqgħet f'abbandun u ntesiet sakemm reġgħat instabet b'mod providenzjali għall-ħabta tas-sena tal-1690. Ta' min isemmi li oriġinalment kien maħsub li l-leġġenda jew storja li ser tissemma iktar 'l isfel f'dan l-artiklu seħħet fis-seklu ħmistax. Skont Achille Ferres fil-ktieb tiegħu tal-1866, 'Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo', is-sejbien tat-trittiku kienet seħħet fil-ħmistax-il seklu. Min-naħa l-oħra, il-Kanonku Vincent Borg fil-kitba tiegħu 'Marian devotions in the island of St. Paul" tal-1983 isemmi li s-sejbien mill-ġdid tat-trittiku kien sar fl-1690.

Jidher li s-sejbien tat-trittiku qajjem devozzjoni kbira matul il-gżira tant li ħafna nies bdew imorru jżuru lil din il-knisja. Dan sarraf b'ħafna għotjiet ta' flus u dan ġiegħel biex il-knisja nbniet mill-ġdid. Il-knisja reġgħat tbierket mill-ġdid fis-17 t'April tal-1691 mill-Isqof David Cocco Palmieri. Fuq ordni ta' dan l-Isqof kienu nbnew żewġt ikmamar, waħda biex isservi ta' sagristija biex jitpoġġew l-affarjiet sagri u l-oħra għal min kien jieħu ħsiebha.

**Id-devozzjoni tkompli tikber**

Id-devozzjoni kompliet tikber u wara li nqalgħu xi grazzji, ġie deċiż li tinbena loġġa kbira fuq l-għar tal-Madonna. Dan kien seħħ biex il-pellegrini li jmorru jżuruh ikollhom post fejn jistkennu.

Fis-seklu dsatax, ċertu qassis Karkariż Dun Ġorġ Debono kien reġa' taha spinta kbira lil dan is-Santwarju. Għall-ħabta tas-sena 1880 hu kien mar jgħix qrib is-Santwarju. Hu kien ħa miegħu lil neputih Mikiel, żagħżugħ ta' sittax-il sena. Dun Ġorġ beda jqaddes fis-Santwarju kuljum u għammru b'paviment tal-irħam u kompla jirranġa fih.

Wara l-mewt ta' Dun Ġorġ, Mikiel baqa' joqgħod fil-post ta' zijuh mal-familja tiegħu. Huwa ħaseb biex ikabbar is-Santwarju billi jieħu l-ispazju tal-bitħa li kien hemm quddiemu u jgħaqqadha fi knisja waħda mal-għar oriġinali. Il-proġett ta' Mikiel inbeda, iżda ma kellux fondi biżżejjed biex itemm dak li kien ippjana. Fl-1913 kien inqala' qassis li kien mar biex ikompli wegħda li kien għamel mal-Madonna għall-grazzja li kien qala'. Dan kien ħalla għotja flus u hekk Mikiel seta' jkompli l-proġett tas-Santwarju fis-sura kif għadu jidher sal-lum.

Il-qima lejn il-Madonna tal-Minsija kompliet tikber meta Papa Ljun XIII permezz ta' reskritt tiegħu tal-20 ta' Diċembru 1879 kien iddikjara l-altar ta' ġo dan l-għar bħala altar privileġġjat għal dejjem.

Wara l-Isqof Pace b'digriet tal-15 ta' Lulju 1911, kien ta mitt jum indulġenza lil kull min jgħid Ave Maria quddiem il-kwadru tal-Madonna.

Ta' min isemmi li fid-9 ta' Ġunju 1940 sar pellegrinaġġ kbir min-nies ta' Birkirkara u ta' dawk l-akkwati għal dan is-Santwarju. F'dan il-pellegrinaġġ ħadu sehem eluf kbar ta' nies li mxew bl-akbar devozzjoni u talbu b'ħerqa kbira biex il-Mulej ibiegħed minn xtutna l-gwerra li kienet waslet biex tfaqqa' fuq il-poplu Malti.







Meta kienet twaqqfet il-parroċċa ta' Lourdes f'San Ġwann fl-1965, il-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' Sant' Elena żamm taħt is-setgħa tiegħu dan is-Santwarju, u għal xi snin kienu jmorru jqaddsu fih il-Kanonċi ta' Birkirkara. Kienu wkoll jiċċelebraw il-festa tiegħu ta' kull sena. Xi snin wara, dan ġie mgħoddi lill-parroċċa ta' San Ġwann.

**Il-leġġenda tas-sejbien tat-trittiku tal-Madonna tal-Minsija**

Il-leġġenda tgħid li ċertu bidwi jismu Indri mar jgħammar flimkien ma' martu u wliedu ġewwa daqsxejn ta' dwejra flimkien ma' għalqa meħuda minnu b'ċens.

Imma lejla waħda, waqt li kien dieħel f'daru, baqa' miblugħ mhux ftit meta minn xaqq fil-ħajt, hu lemaħ dawl qawwi li kien ġej minn taħt l-art.

Indri stagħġeb u ddeċieda li jħaffer 'l isfel ħa jara minn fejn kien ġej dak id-dawl. Kollu miblugħ, Indri baqa' jħaffer sakemm wasal f'għar u fih lemaħ niċċa tal-Madonna u musbieħ tal-ħadid bi tlett iftejjel jixgħelu quddiemha.

Indri bl-istagħġib tiegħu wara din is-sejba ddeċieda li jmur jgħid b'kollox lill-kappillan ta' Birkirkara. Wara li sema' dan kollu l-kappillan ta' Birkirkara, iddeċieda li jmur fil-post biex jistħarreġ dak li kien qed jgħid il-bidwi. Wara li dan sab kull ma' kien qallu Indri, iddeċieda li jieħu l-ixbieha tal-Madonna fid-dar tiegħu f'Birkirkara.

Imma b'għaġeb kbir, l-għada, ix-xbieha reġgħat marret fl-għar fejn kien sabha Indri. Għalhekk il-Kappillan reġa' ħa x-xbieha d-dar imma għal darb'oħra, din reġgħat sabet ruħha fl-għar. Hawnhekk il-Kappillan ta' Birkirkara ddeċieda li jkellem lill-Isqof li mill-ewwel interessa ruħu f'dak li seħħ. L-Isqof mar fil-post u ddeċieda li jieħu l-ixbieha fil-Palazz tiegħu. Imma oħroġ il-għaġeb, ix-xbieha reġgħat sabet posta b'mod sopranaturali fl-għar li kien sab Indri, fejn għadna nsibuha sal-lum.

Din il-leġġenda tat l-isem "tal-Minsija" lil dan il-maqdes, peress li x-xbieha tal-Madonna kienet damet mistura u minsija għal ħafna snin qabel sabha dan il-bidwi twajjeb.
Is-Santwarju minn barra u minn ġewwa

Kif semmejna qabel din il-knisja għandha oriġini trogloditika, jiġifieri knisja fil-blat. Il-faċċata li naraw illum inbniet tard fis-seklu dsatax, li hu biss daħla għal tarag wiesa' li jwassal għall-għar innifsu. Għandha frontispizju bħal ta' knisja kbira u kampnar kbir f'nofsha fuq il-faċċata.
Kif wieħed jinżel l-erbgħin tarġa jsib ruħu fl-għar. It-trittiku oriġinali tħalla fin-niċċa fil-blat tal-għar fil-ġenb tax-xellug fejn kien instab. Dan hu kwadru tal-injam antik ħafna, fi tliet biċċiet magħqudin flimkien. Fin-nofs insibu x-xbieha ta' San Anard li jidher qed iżomm ktieb f'idejh u katina bil-manetti, li jissimbolizza li hu l-patrun tal-ilsiera. Fuq in-naħa tal-lemin hemm ix-xbieha tal-Madonna filwaqt li fuq ix-xellug jidher l-Arkanġlu Gabriel li qed itiha l-aħbar tat-twelid ta' Ġesù. Ma nafux eżatt meta sar dan it-trittiku imma jidher li sar lejn nofs sal-aħħar tas-seklu 15.

Taħt in-niċċa tat-trittiku nsibu irħama b'kitba bil-Latin li tfisser fil-qosor l-istorja tiegħu b'dawn il-kliem: "Din ix-xbieha tal-Verġni Marija mħabbra mill-Anġlu, miżjuda fuq kull naħa tax-xbieha ta' San Leonardu, ta' fama kbira għall-qima u l-mirakli, għax kienet minsija tawha t-titlu ta' MINSIJA. Kif jingħad, fis-seklu 15 instabet f'dan il-għar b'lampa tixgħel quddiemha. Għal tliet darbiet ittieħdet minn hawn u għal tliet darbiet b'miraklu reġgħet ġiet fejn kienet. Il-Kanonku Anton Agius qiegħed hawn din il-lapida fis-sena 1914".

Fuq l-artal prinċipali f'niċċa mħaffra fil-blat naraw kwadru ieħor tal-Lunzjata. F'dan il-kwadru jidher l-Arkanġlu Gabriel qed iħabbar lil Sidtna Marija filwaqt li jidher ukoll San Anard għarkupptejh quddiemha. Dan il-kwadru jidher li kien sar lejn l-aħħar tas-seklu 18.

Fil-misraħ ta' quddiem is-Santwarju hemm statwa kbira tal-ġebel fuq kolonna għolja. Din l-istatwa qabel kienet f'Ħal Balzan u nġabet fejn hi llum kmieni fis-seklu għoxrin bil-ħidma ta' Mikiel Debono, aktarx fl-1903, mid-data tal-indulġenza li hemm fuq l-irħama mwaħħla magħha.

**Referenzi**

'Il-Parroċċa ta' San Ġwann' ta' Patri Donat Spiteri, 1991
'The late medieval art and architecture of the Maltese Islands' ta' Prof Mario Buhagiar, 2005
'Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo' ta' Achille Ferres stampat 1866
'Marian Devotions in The Islands of St Paul' editjat mill-Kanonku Vincent Borg, 1983
Kitbiet ta' Philip Xuereb u Joe Brincat għas-sit www.kappellimaltin.com